

# il-hajja ta' kristu gesu'

**10.**

## GESU FIT-TEMPJU.

Luqa 2:41-52

Ta' kull sena l-genituri ta' Gesu' kienu jmorru Gerusalemm ghall-festa' ta' l-Ghid. Meta kellu tnax-il-sena, telghu wkoll, skond id-drawwa ta' dik il-festa. Wara li ghaddew dawk il-granet qabdu t-triq lura, imma t-tifel Gesu' baqa' Gerusalemm bla ma kienu jafu l-genituri tieghu.



Huma hasbuh qieghed ma' xi uhud li kienu fit-triq maghhom, izda meta wara jum mixi fittxewh fost qrabathom u n-nies li kienu jafuhom ma sabuhx, u ghalhekk regghu lura Gerusalemm ifittxuh.

Wara tlett ijiem sabuh fit-tempju, bil-qieghda fost l-ghalliema, jismaghhom u jistaqsihom; u kull min semghu baqa' mistaghgeb bid-dehen u t-twegibiet tieghu. Kif rawh, instamtu, u ommu qaltlu: "Ibni, dan ghaliex ghamiltina hekk? Ara, missierek u jiena, konna qeghdin infittxuk b'qalbna maqsuma"

U Gesu' wegibhom:" U ghaliex kontu qeghdin tfittxuni? Ma tafux li ghandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?

Izda kliemu ma fehmuhx.  Imbaghad nizel maghhom u raga' mar Nazaret; u kien jobdihom U ommu kienet tghozz f'qalbha dawn il-hwejjeg kollha. U hekk Gesu' baqa' jikber fl-gherf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.

## RIFLESSJONI

L-EWWEL PREFERENZA JEHTIEG NAGHTUHA LIL ALLA GHAX HUWA L-HALLIEQ TAGHNA. BIT-TAGHLIM U S-SMIGH TAL-KELMA T'ALLA NAGHRFU IZJED LILL ALLA U ALLURA AKTAR TINGIBED IR-RUH TAGHNA LEJH.